# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Settembru 2016

Rikors Guramentat Nru. 87 / 16RGM

Kawza fil-lista: 17

**G X**
**vs**
**P *sive* V X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tal-elf disa' mija, hamsa u tmenin (1985) liema zwieg gie rregistrat taht l-Att taz-zwieg bin-Numru Progressiv wiehed, wiehed, wiehed sebgha tas-sena elf disa' mija, hamsa u tmenin (1117 /1985), hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u dan unikament minhabba tortijiet u htijiet imputabbli lill-intimata stante eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimata u kif ukoll adulterju u abbandun tad-dar matrimonjali, u ghalhekk il-hajja mizzewga ma baqghetx aktar possibbli, tant illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin;

3. Illi l-intimata baqghet intransigenti u m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghal ftehim dwar de jure seperazzjoni personali;

4. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat itfal; M li twieled fit-tnax (12) ta' Mejju tal-elf disa'mija, sitta u tmenin (1986), Y li twieled fit-tlettax (13) ta' Novembru tal-elf disa' mija, tmienja u tmenin (1988), H li twieled fis-sbatax (17) ta' Gunju tal-elf disa' mija, wiehed u disghin (1991) u A li twieldet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tal-elf disa' mija sebgha u disghin (1997) u dunque llum huma kollha maggiorenni;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponenti jixtieq u jrid li jottjeni l-hall taz-zwieg tieghu minn mal-intimata;

7. Illi l-esponenti gie awtorizzat imexxi bil-prezenti istanza u dan permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti numru tmienja, wiehed, sitta tal-elfejn u sittax (816/16), datat disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu elfejn u sittax (2016).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikkjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan minhabba ragunijiet attribwibbli esklussivament lill-intimata;

2. Tapplika kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66E u 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-assi u d-djun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet anke occorrendo permezz ta' periti nominandi, taqsam l-assi u d-djun hekk likwidati f zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjoni iehor lill-intimata, occorrendo permezz tal-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att tal-qsim opportun u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci;

5. Tiddikkjara lill-intimata responsabbli u tordnalha tirrifondi lill-attur kwalunkwe ammont/i ta' flus mhallsa minn fondi parafernali tar-rikorrent sabiex ikopri d-djun kollha li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet li pero gew assunti mill-partijiet esklussivament sabiex jghinu lill-familjari u/jew in-negozju tal-familjari tal-intimata;

6. Tordna lill-intimata thallas id-djun kollha minnha assunti minghajr il-kunsens u l-awtorizazzjoni tar-rikorrent, minghajr ma r-rikorrent jinkorri ebda responsabilta' dwar l-istess;

7. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment mill-eta' ta' erbatax (14) sa l-eta' ta' tmintax (18)-il sena ta' binthom A X, mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita minn dina l-Qorti, pagabbli mill-istess konvenuta lill-attur sabiex tirrimborsa lill-istess attur ghall-ammonti mahruga ossia sborzati minnu u applikati fil-manteniment tal-imsemmija A X meta kienet ghandha minuri jew porzjoni appozitament stabbilita tal-istess;

8. Tiddeciedi u tiddikjara liema proprjeta' mobbli hija parafernali tal-attur u b'konsegwenza eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss mill-Qorti tikkonsejna lir-rikorrent dawk il-beni li jigu ddikjarati tieghu parafernali kif ukoll dawk il-beni li jigu lilu assenjati b'konsegwenza tal-likwidazzjoni u tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u fin-nuqqas tordna lill-istess intimata biex thallas lir-rikorrent il-valur tal-istess beni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti, anke occorrendo permezz ta' periti nominandi;

10. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti ddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin;

11. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti iidhrilha xieraq u opportuni.

Bl-ispejjez konta l-intimata, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-maggoranza kbira tat-talbiet avvanzati minn G X huma proceduralrnent improponibbli stante li ma kienux preceduti mill-proceduri ta' medjazzjoni mandatorji. Dina l-kawza torigina mill-Ittra ta' Medjazzjoni Numru 142/2016 (GG) li kienet tikkoncerna esklussivament talba sabiex G X jigi awtorizzat jipprocccli bid-divorzju minn mal-esponenti u xejn iktar.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma topponix ghat-talba ta' G X sabiex jigi ppronunzjat id-divorju taghhom, b'dana illi ghandha l-ewwel tigi diviza l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnietom u l-esponenti tigi akkolrdata s-sehem spettanti lilha mill-istess komunjoni. L-esponenti ghandha tinghata wkoll kwalunkwe gid parafernali proprjeta' taghha li jinsab fil-pussess ta' 1-attur zewgha.

3. Illi l-esponenti ma tistax tigi obbligata thallas manteniment b'lura li qatt ma gie mitlub u wisq anqas stabilit fil-konfront ta' bintha A X. li llum hija maggorenni. F'dak ir-rigward tapplika wkoll l-ewwel eccezzjoni avvanzata mill-esponenti fis-sens illi qatt ma kien hemm il-procedura ta' medjazzjoni mandatorja f dak ir-rigward. Apparti minn hekk l-esponenti qatt ma kellha l-mezzi sabiex thallas manteniment u dan ghall-kuntrarju ta' zewgha, u dana jafu ben tajjeb.

4. Il-hames talba tal-attur hija infondata, hekk kif se jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana anke ghaliex l-attur ma specifikax ezattament x'inhuwa l-kreditu li qieghed jippretendi. Jista' jaghti l-kaz li dana l-allegat kreditu kien jifforma l-mertu tal-kawza ohra li l-attur kien intavola tramite kontrotalba kontra Mary Balzan li tigi omm l-esponenti.

5. Illi ma hemm ebda lok sabiex jigu appikati il-provvedimenti stipulati fl-artikoli 66E u 48 et seq. tal-Kodici Civili fil-konfront tal-esponenti u se mai mill-provi ser jirrizulta li ghandu jkun l-attur li jigi milqut b'tali sanzjonijiet. Jekk lil din l-Onorabbli Qorti jirrizultalha li jezistu tali cirkustanzi, hija ghandha tapplika tali provvedimenti fir-rigward tal-attur.

6. Illi dak li huwa mitlub mill-attur fis-6 talba tieghu ghandu jigi applikat fl-istess mod fil-konfront tieghu.

7. Illi l-esponenti taqbel li l-ghaxar (10) talba attrici tigi milqugha.

8. L-esponenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha li huwa "Balzan".

Rat id-dokumenti esebiti mill-attur mar-rikors guramentat tieghu;

Rat in-nota tad-difensur tal-attur l-Avv Ian Vella Galea ai termini tal-Artiklu 66G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 142/16.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fil-31 ta' Awissu 2016.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta.

**Ikkunsidrat**:

Din il-Qorti tibda billi tosserva illi fl-Artiklu 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi tipprevedi kazijiet fejn il-hall taz-zwieg jintalab minghajr ma l-partijiet ikunu mifrudin minn xulxin b'sentenza jew b'kuntratt. Kif tajjeb jissottometti l-attur, l-Artiklu 66D (3) specifikament jipprovdi illi:

*'(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fiddispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.'*

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti **A B vs C B** deciza fis-7 ta' Dicembru 2010, fejn in mertu ta' medjazzjoni mandatorja, l-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*'In propozitu l-Qorti tosserva li r-regolament [9] ta' l-imsemmi Avviz Legali jirrendi applikabbli l-proceduri ta' medjazzjoni wkoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali. Inkluz fost dawn il-kazijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kura u kustodja, access u manteniment, kif ukoll "[c] bidliet f' kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali."[Reg.9[1][c]], u fl-istess subinciz ikompli jghid li l-parti ghandha "tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x' inhi t-talba taghha."*[1]

*Illi r-ratio legis ta' din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b' mod generali bhala wahda ta' firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz*

1 Sottolinear tal-Qorti

*prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, f' dan il-kaz l-access favur il-missier, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.'*

Applikati l-principji suriferiti ghall-kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma illi in kwantu l-ittra tal-medjazzjoni de quo kienet tikkoncerna kwistjoni generali bhal ma hi l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, u in kwantu l-kwistjonijiet matrimonjali taghhom ma kinux gew precedentement regolati b'sentenza jew kuntratt, it-talba tal-attur illi jigi awtorizzat jipprocedi bid-divorzju, kienet tinkludi wkoll talba sabiex jigu regolati l-effetti konsegwenzjali kollha tal-istess hall taz-zwieg. Tali effetti konsegwenzjali gew imbaghad inkluzi bhala talbiet specifici fir-rikors guramentat. Izda l-fatt li ma tnizzlux wahda wahda fl-ittra tal-medjazzjoni ma jfissirx li ma kinux jaqghu taht l-iskop tal-istess medjazzjoni.

Bhal ma' f'ittra ghall-medjazzjoni indikanti l-mertu bhala separazzjoni personali jigu meqjusa inkluzi l-vertenzi fir-rigward ta' manteniment, kura u kustodja, dar matrimonjali u materji ohra, l-istess fejn it-talba ghall-medjazzjoni tirreferi biss ghad-divorzju.

Din il-Qorti ma tistax ghalhekk takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta illi t-talbiet avvanzati mill-attur huma legalment improponibbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta billi tichadha.

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Imhallef** **Deputat Registratur**